**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**
**[Spettur Elliott Magro]**

**vs**

**Antoine Ellul**

**Kumpilazzjoni Numru: 373/18**

**Illum, 9 ta' Lulju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Antoine Ellul detentur tal-karta tal-identita` numru 533094M akkuzat talli:

1. F'xi gurnata matul ix-xahar ta' Mejju, 2018, minn gewwa residenza numru 73, Triq San Gorg, Santa Venera, ikkommetta serq diversi oggetti ghad-dannu ta' Paul Borg, u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37) u bil-persuna;

2. u aktar talli matul il-lejl ta' bejn it-02 u it-03 ta' Gunju, 2018, flimkien ma' persuna ohra, minn gewwa 'Cini Petrol Station' sitwata gewwa Triq Aldo Moro, Marsa, ikkommetta serq ta' 'fuel' ghad-dannu tas-sidien u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;

**3.** u aktar talli matul il-lejl ta' bejn it-03 u l-04 ta' Gunju, 2018, flimkien ma' persuna ohra, minn gewwa 'Cini Petrol Station' sitwata gewwa Triq Aldo Moro, Marsa, ikkommetta serq ta' 'fuel' ghad-dannu tas-sidien u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37) u bil-hin;

**4.** u aktar talli nhar it-08 ta' Gunju, 2018 ghall-habta tat-8:00 ta' filghaxija minn gewwa 'Cini Petrol Station' sitwata gewwa Triq Aldo Moro, Marsa, flimkien ma' persuna ohra, bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq 'fuel' ghad-dannu tas-sidien u/jew ta' persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u liema delitt li kieku sehh kien ikun serq kkwalifikat bil-mezz, u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**5.** u aktar talli nhar it-12 ta' Gunju, 2018, bejn is-6:55 u 7:30 ta' filghaxija, flimkien ma' persuna ohra, minn gewwa 'Cini Petrol Station' sitwata gewwa Triq Aldo Moro, Marsa, ikkommetta serq ta' 'fuel' ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmija pompa, u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz;

**6.** u aktar talli nhar it-13 ta' Gunju, 2018 ghall-habta tas-7:40 ta' filghaxija minn gewwa 'Cini Petrol Station' sitwata gewwa Triq Aldo Moro, Marsa, bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq 'fuel' ghad-dannu tas-sidien u/jew ta' persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u liema delitt li kieku sehh

kien ikun serq kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37);

**7.** u aktar talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta sentenza ta’ prigunerija sospizanmoghtija lilu mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. nhar l-24 ta’ Awwissu, 2017.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghndhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta’ Gunju elfejn u tmintax (2018) li biha ta l-kunsens tieghu li dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih nhar l-erbatax (14) ta’ Gunju elfejn u tmintax (2018) u fejn huwa kkonferma tali ammissjoni fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Gunju elfejn u tmintax (2018);

Semghet ix-xhieda tal-*probation officer* Marilyn Formosa fejn xehdet illi l-imputat kien qed jigi segwit minnha izda xorta baqa’ jabbuza mid-droga u xejn ma kien qed juri hegga sabiex jirriforma ruhhu;

Illi ghal dawn il-motivi, u ghalkemm saret ammissjoni bikrija ma tistax taghti piena ohra hlief piena ta’ sentenza ta’ prigunerija ghalkemm fil-minimu taghha izda stante li l-imputat jenhtieg li jkompli jigi segwit minn ufficjal tal-Probation ma hijiex ser tordna li s-sentenza sospiza precedentement imposta minn din il-

Qorti datata erbgha u ghoxrin (24) ta’ Awwissu elfejn u sbatax (2017) ma tigix fis-sehh.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 18, 261 (c)(d), 267, 268, 279(a), 281(a), 261(b)(f), 263, 270, 278(2), 281, 261(b)(c)(f), 278(3), 281, 41(1)(a), 261(b)(c), 279, 261(b), 280, 278(1), 41(1)(a) u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat Antoine Ellul hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah piena ta’ hmistax (15)-il-xahar prigunerija effettiva filwaqt li tordna illi s-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti datata erbgha u ghoxrin (24) ta’ Awwissu elfejn u sbatax (2017) terga’ tibda tiddekorri mill-gdid.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**